**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Marzu 2018**

**Kawza Nru. 6**
**Rikors Nru. 827/17 JZM**

**Avukat Mark Refalo bhala prokuratur ghan-nom u ir-rapprezentanza tal-assenti Compagnia Generale Servizi Finanza Co.Ge.S.Fin Limited li ghandha n-numru tar-registrazzjoni 5265693, Bruno Lago, Fabio Solano**

***kontra***

**Brian Tonna fil-kwalita` tieghu ta` stralcjarju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` European Insurance Group Limited (C35708)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors ipprezentat fil-11 ta` Settembru 2017 li jaqra hekk :–

*1. Premess illi s-socjeta` European Insurance Group Limited (EIG) kienet tgawdi minn licenzja mill-Malta Financial Services Authority ("MFSA") biex tipprovdi servizzi ta` assikurazzjoni b`effett mit-22 ta` Novembru 2007 ;*

*2. U Billi nhar il-12 ta` Lulju 2010 ghal ragunijiet li ghadhom kontestati u pendenti quddiem it-tribunal appozitu (Procedura quddiem it-Tribunal Ghal Servizzi Finanzjarji fl-ismijiet `European Insurance Group Limited vs L-Awtorita Ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta et (App. Nru 1/2010)` l-MFSA revokat il-licenzja tal-EIG ;*

*3. U Billi Brian Tonna gie mahtur mill-MFSA bhala stralcarju ta` EIG b`effett mid-29 ta` Settembru 2011 kopja ta` liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument A** ;*

*4. U Billi d-decizjoni tal-MFSA li tpoggi l-EIG fi stat ta` stralc hija kontestata bi proceduri quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Barletta Amedeo noe Vs Awtorita` Tas-Servizzi Finanzjarji Ta` Malta (Rik Nru 276/2012 ) ;*

*5. U Billi a tenur tar-**Regolament 10(2)** tar-Regolamenti Dwar Insurance Business (Reorganisation And Winding Up Of Insurance Undertakings) (Avviz Legali 208 tas-sena 2004 – SL 403.15) :*

*"10(2) Without prejudice to the provisions of articles 28, 41 and 42 of the Act, **a Maltese insurance undertaking shall dissolve and consequentially wind up, under and in accordance with these regulations and the Companies Act** as made applicable by these regulations."*

*Ghalhekk ir-regoli imposti mill-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, b`mod partikolari r-rekwiziti imposti mid-dispozizzjonijiet ta` xoljiment u stralc konsegwenzjali ta` kumpanniji huma applikabbli ghal kaz odjern ;*

*6. U Billi dak in-nhar li tqieghdet in likwidazzjoni, l-EIG kellha madwar diversi miljuni ta` Euro f`assi likwidi u ngabru wkoll diversi miljuni ohra u dan kif jirrizulta ampjament mir-rapport tal-likwidatur stess hawn anness u mmarkat bhala **Dokument B** ghalkemm l-esponenti mhux*

*necessarjament qeghdin jaqblu ma` l-ammonti dikjarati fir-rapporti tal-likwidatur ;*

*7. U Billi ricentement l-esponenti gew mgharfa permezz ta` ittra mibghuta mill-intimat likwidatur [kopja ta` liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument C]*** *illi s-socjeta` EIG kien ghad fadlilha biss* ***€8,300,000*** *fil-kontijiet tal-kumpanija, kif ukoll li huwa kien ser jipprocedi b`distribuzzjoni parzjali lil kredituri li skond hu huma privilegjati ;*

*8. U Billi uhud mill-esponenti, u cioe` Compagnia Generale Servizi Finanza Co.Ge.S.Fin Limited u Luciano Rotondi huma azzjonisti fil-kumpanija assiguratrici EIG filwaqt li l-esponenti l-ohra huma lkoll kredituri ta`l-istess kumpanija;*

*9. U Billi l-krediti ta` l-esponenti huma s-segwenti :*

*b. Bruno Lago: €26,774.21 (imnissel fil-lista ta` kredituri esebita bhala Dokument D bil-kodici P58);*
*a. Fabio Solano: €40,107.65 (P42);*
*b. Filwaqt li l-ohrajn huma shareholders.*

*10. U Billi ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom interess fl-andament ta` l-istralc ;*

*11. U Billi l-esponenti hassu ruhhom aggravati mill-mod kif qed jitmexxa l-likwidazzjoni u kif ukoll mid-decizjoni ricenti li ssir l-ewwel distribuzzjoni u dana ghar-ragunijiet segwenti :*

*a) Illi l-likwidatur naqas milli jaderixxi ruhu mal-obbligu mpost mir-****Regolament 18(1)*** *ta` l-Regolamenti Dwar Insurance Business (Reorganisation And Winding Up Of Insurance Undertakings) (Avviz Legali 208 tas-sena 2004 – SL 403.15) billi naqqas li jinforma lill-kredituri (inkluz l-esponenti) bl-andament ta` l-istralc mill-anqas darba fis-sena.*

*Jigi rilevat li l-likwidatur, ippublika l-Annual Report & Finanial Statements tal-EIG ghal-perijodu mill-2010 sal-2014* ***biss f`Marzu 2016*** *u dana wara l-intervent ta` Awtoritajiet Ewropej (tramite l-istituzzjoni Ewropeja "SOLVit").*

*b) Illi fil-fatt kif gja` premess jirrizulta li l-accounts tal-kumpanija ma kenux qeghdin isiru kull sena u minflok inghataw kollha f`daqqa fis-sena 2016.*

*c) Illi mir-rapport li nghata lill-esponenti jidher li l-likwidatur tul dawn is-sitt snin kellhu nfieq sostanzjali u li jinkludu: `Legal & Professional` imhalsa lil `various` f`ammont iktar minn* ***5 miljuni ta` euro****; `Computer Expenses` lil various fl-ammont ta` kwazi* ***mitejn elf euro (€200,000); Travelling Expenses ta` oltre 28,000 Euro u Transportation ta` tlett elef euro (€3,000).***

*Ma hemmx ghalfejn jinghad li dawn l-ammonti jikkomprendu ammont sostanzjali ta` l-assi totali ta` l-EIG, ghal liema l-esponenti qatt ma nghataw rendikont u ghalhekk l-infieq taghhom minghajr gustifikazzjoni jippregudika serjament id-drittijiet ta` l-esponenti;*

*d) Illi inoltre l-likwidatur qatt ma sejjah Creditors Meeting jew talab lil Qorti ghal Awtorizzazzjoni sabiex jidhol f` dawn l-ispejjez, u dana kif inhu obbligat jaghmel a tenur ta` l-Art 238 tal-Kap 386;*

*e) Illi in oltre l-likwidatur unilateralment u minghajr ebda raguni valida fil-ligi irrifjuta li jirrikonoxxi l-krediti ta` l-esponenti, u dana minkejja li:*

*(i) fil-kaz ta` Bruno Lago il-kreditu jirrizulta minn kuntratt ta` impjieg u ghalhekk l-kreditu tieghu huwa in parti privilegjat qabel kredituri ohrajn;*

*(ii) fil-kaz ta` l-avukati Montone (P63) il-kreditu taghhom gie rifjutat minkejja li hemm titolu ezekuttiv fil-forma ta` European Payment Order liema Ordni qatt ma gie kontestat. Ghall-ahjar intendiment ta` dina l-Onorabbli Qorti ghandu jigi rilevat li kien hemm proceduri sabiex l-Ordni tigi enfurzata hawn Malta u d-decizjoni tal-Qorti ta` l-Appell [rik app nru 163/2012/1] kienet, mhux li l-Ordni ma tghoddx, izda li ma tistax tigi enfurzata l-barra mill-proceduri ta` likwidazzjoni. Minkejja dan il-likwidatur ghar-ragunijiet tieghu ghazel li ma jaccettax il-kreditu;*

*(iii) Fabio Solano l-kreditu tieghu huwa ghal servizzi rezi lill-istess socjeta` li wkoll gie kapriccosament michud;*

*Illi jigi rilevat illi l-likwidatur ma nghata l-ebda fakolta` illi jiddeciedi liema krediti ghandhom jigu approvati, u fi kwalunkwe kaz hija din il-Qorti illi f`kaz ta`dubbju ghandha tiddecidi dwar il-veracita u l-posizzjoni tal-kreditu hdejn krediti ohra;*

*f) Illi issa jirrizulta li l-likwidatur irid jibda jhallas lill-kredituri fl-ammonti u bil-precedenza li stabilixxa hu (kopja tal-lista hija hawn annessa bhala* ***Dokument D****) meta din il-lista ma gietx accetta la minn "liquidation committee" u anqas minn dina l-Onorabbli Qorti. Dan meta l-Artikolu 238(1) Kap 386 tal-ligijiet ta` Malta jipprovdi espressament:*

*(1) The liquidator in a winding up by the court shall have the power, with the sanction either of the court or of the liquidation committee appointed under the provisions of Chapter IV of this Sub-title -*

*(c) to pay creditors according to their ranking at law;*

*12. U Billi jigi rilevat li meta wiehed iqis id-debiti li gew rikonoxxuti mil-Likwidatur ghandu jirrizulta li dejn tal-kumpanija kienu koperti bl-assi totali ta` l-istess qabel ma gie mahtur il-likwidatur.*

*13. U Billi inoltre f`dan l-istadju huwa prematur li ssir distribuzzjoni ta` fondi billi dan ser jippregudika rremedjabbilment lill-esponenti li ghandhom krediti privilegjati.*

*14. U Billi ghal ragunijiet fuq esposti l-esponenti qeghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tissorvelja l-agir tal-likwidatur u taghti dawk id-direzzjonijiet u provedimenti kollha li jidhrulha opportuni a tenur ta` l-Artikoli 239, 242, 243 u 249 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti salv kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna :-*

*1. Tinvestiga l-imgieba ta` l-istralcjarju intimat u l-istralc tas-socjeta` EIG u taghti dawk il-provvedimenti u ordnijiet kollha li jidhrulha xieraq, inkluz is-segwenti :*

*2. Taqleb, jew timmodifika d-decizjonijiet tal-Likwidatur, u partikolarment id-decizjonijiet li ha l-likwidatur fit-thejjija tal-lista ta` kredituri, u dana sabiex l-istess lista tirrifletti verament il-kredituri u liema minn dawn il-krediti huma privileggjati, specjalment fil-konfront tar-rikorrenti.*

*3. Tordna lil-likwidatur jiddezisti milli jaghmel kwalunkwe distribuzzjoni tal-assi tas-socjeta` sakemm jigu konkluzi l-proceduri gudizzjarji kollha relatati mas-socjeta` European Insurance Group.*

*4. Taghti dawk id-direzzjonijiet u istruzzjonijiet kollha necessarji lill-likwidatur sabiex jirregolarizza ruhu mad-dispozizzjonijiet tal-Kap.386 tal-Ligijjiet ta` Malta kif ukoll tal-Legislazzjoni Sussidjarja 403.15.*

*5. Taghti dawk id-direzzjonijiet u provvediment kollha xierqa u opportuni sabiex l-assi tas-socjeta` EIG jigu protetti u dana ghal beneficcju tal-kredituri kollha.*

*B`riserva ghal kull azzjoni ohra li tista` tkun opportune.*

*Bl-ispejjez u l-ingunzjoni in subizzjoni ta` l-intimat.*

Rat l-elenku ta` dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta pprezentata fl-<u>24 ta` Ottubru 2017</u> li taqra hekk :–

*1. Preliminarjament, din il-Qorti m`ghandhiex il-gurisdizzjoni u kompetenza in kwantu dan hu stralc taht is-sorvejlanza tal-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta ("**MFSA**").*

*2. Minghajr pregudizzju u preliminarjament ukoll, il-gudizzju mhuwiex integru ghaliex dawn il-proceduri kellhom jigu istitwiti kontra l-MFSA wkoll, bhala l-awtorita` li ordnat l-istralc.*

*3. Minghajr pregudizzju, Compagnia Generale Servizi Finanza Co.Ge.S.Fin Limited ("**COGESFIN**"), bhala azzjonista tal-EIG, m`ghandhiex l-interess necessarju sabiex tippromwovi dawn l-istanzi ai termini ta` l-art 243 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, billi f`ebda istanza ma hu ser jirrizulta bilanc a favur l-azzjonsti; anzi l-kredituri ser ibatu telf enormi, konsegwenza mhux ta` l-agir ta` l-istralcjarju, izda ta` l-agir ta` dawk in nies li kienu responsabbli tat-tmexxija tal-EIG qabel ma l-MFSA ordnat il-hatra ta` amministratur (li pprecediet il-hatra ta` l-esponent bhala stralckarju), liema nies jinkludu r-rikorrenti.*

*4. Minghajr pregudizzju u preliminarjament ukoll, l-EIG ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex ir-rikorrenti ma talbux u sussegwentement ottjenew il-permess necessarju sabiex jistitwixxu dawn il-proceduri kif jirrikjedi l-artikolu 224(2) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, liema artikolu japplika ghall-EIG mutatis mutandis bis-sahha tar-regolament 10(2) tal-Insurance Business (Reorganisation And Winding Up Of Insurance Undertakings) Regulations (S.L. 403.15) (ir-"**Regolamenti**") – u dan nonostante s-sentenza ta` din l-Onorabbli Qorti (diversament presjeduta) fil-kawza fl-ismijiet Avukat Mark Refalo ghan-nom u in rapprezentanza ta` Bruno Lago (numru tal-passaport Taljan AA2951054) vs. European Insurance Group Limited (C35708) (rikors numru 859/2012SM) li ghaliha ssir referenza fil-paragrafu 16(a) ta` din ir-risposta.*

*5. Illi l-esponenti huwa obbligat, skond it-termini tal-hatra tieghu, illi jissottometti rapport lill-MFSA kull sitt xhur bl-attivitajiet tal-istralc u l-andament tal-istralc. Illi l-esponent qatt ma naqas milli jottempera ruhu ma` dan l-obbligu, u dejjem zamm lill-MFSA aggornata b`dak kollu li jirrigwarda l-istralc, inkluz il-hlas lill-kredituri li ghalih issir referenza fil-paragrafu 11(f) tar-rikors.*

*6. Illi r-rikors di quo m`hu xejn aktar hlief attentat iehor da parti tar-rikorrenti sabiex ixekklu dan l-istralc, ipoggu pressjoni fuq l-istralcjarju biex icedi kawzi ta` kummerc bi frodi u kummerc hazin kontrihom, u jgieghlu lill-istralcjarju jinkorri izjed spejjez. Inoltre, ir-rikorrenti nomine qed jagixxu in mala fede – minkejja li r-rikorrenti nomine kienu nvoluti fil-proceduri msemmija fil-paragrafu 7 ta` din ir-risposta (rikors numru 163/2012), u b`hekk jafu dwar is-sentenza tal-Onorabbli Qorti u jafu kif il-qrati taghna nterpretaw id-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti, xorta wahha ghazlu li ma jirrikorrux ghand l-MFSA.*

## *A. __IR-RIKORS PROMOTUR__*

*7. L-esponent ser jghaddi sabiex jindirizzi l-premessi mressqa fir-rikors promotur. Qabel dan, pero, l-esponent ser jirrileva s-segwenti, anki sabiex jinghata kuntest xieraq ghad-difizi migjuba mill-esponent:*

i. *B`effett mid-29 ta` Settembru 2011 u ai termini tal-artikolu 28(1)(f) tal-att dwar l-Assikurazzjoni (Kap 403 tal-Ligijiet ta` Malta), l-MFSA hatret lill-esponent bhala likwidatur ta` l-EIG;*

ii. *Ir-Regolamenti jirrikjedu li kumpannija Maltija ta` l-asikurazzjoni "shall dissolve and consequentially wind up, under and in accordance with these regulations and the Companies Act as made applicable by these regulations" (artikolu 10 tar-Regolamenti);*

iii. *Il-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi ghal zewg tipi ta` stralc, senjatament stralc volontarju (li jista` jkun stralc volontarju tal-membri jew stralc volontarju tal-kredituri) u stralc mill-Qorti. Fid-9 ta` Novembru 2012, il-Qorti ta` l-Appell, fil-kawza fl-ismijiet Av Refalo ghan-nom ta` Remo Montone vs. European Insurance Group Limited (rikors numru 163/2012) iddecidiet illi: "Billi l-Awtorita`, bhall-qorti, hija indipendenti kemm mis-socjeta` nfisha, kemm mill-membri taghha u kemm mill-kredituri, stralc mill-Awtorita` aktar ghandu xebh ma` stralc mill-qorti milli ma` stralc volontarju u ghalhekk, fil-fehma tal-qorti, id-dispozizzjonijiet ta` stralc li jirregolawh ghandhom ikunu dawk ta` stralc mill-qorti aktar milli dawk dwar stralc volontarju.";*

iv. *F`sentenza ohra tat-22 ta` Frar 2013, fil-kawza fl-ismijiet Av. Dr Zammit Maempel on behalf of Elena Maci vs. European Insurance Group Limited (rikors numru 384/2011), il-Qorti ta` l-Appell ikkonfermat illi stralc taht l-art 28(1)(f) tal-Kap.403 tal-Ligijiet ta` Malta jitqies daqslikieku kien stralc mill-qorti.*

*In vista tas-suespost, u partikolarment ghall-finijiet ta` l-ewwel zewg eccezzjonijiet sucitati, meta stralc ikun ordnat mill-MFSA, dan l-istralc ghandu jkun regolat mid-dispozizzjonijiet li japplikaw ghal stralc mill-qorti. Izda l-awtorita` li tkun ordnat l-istralc xorta tibqa` l-MFSA, u ghalhekk ir-rikorrenti kellhom jirrikorru ghall-MFSA, bhala l-Awtorita` li ordnat l-istralc, u mhux ghal din l-Onorabbli Qorti.*

*8. Fir-rigward ta` dak espost fl-ewwel paragrafu tar-rikors, l-esponent m`ghandux xi jzid.*

*9. Fir-rigward ta` dak espost fit-tieni paragrafu tar-rikors, l-esponent jikkonferma illi l-proceduri quddiem it-Tribunal ghas-Servizzi Finanzjarji ghadhom pendenti.*

*10. Fir-rigward ta` dak espost fit-tielet paragrafu tar-rikors, l-esponent izid jghid illi b`effett mis-6 t`Awwissu 2010, EIG tqieghdet f`amministrazzjoni mill-MFSA. L-amministratur mahtur kien Raphael Aloisio, ta` Deloitte, li zamm din il-kariga sal-hatra ta` l-istralcjarju.*

*11. Fir-rigward ta` dak espost fir-raba` paragrafu tar-rikors, l-esponent jirrispondi illi huwa ma jiffurmax parti mill-proceduri msemmija.*

*12. Fir-rigward ta` dak espost fil-hames paragrafu tar-rikors, l-esponent jirreferi ghall-paragrafu 7 ta` din ir-risposta.*

*13. Fir-rigward ta` dak espost fis-sitt paragrafu tar-rikors, l-esponent jirrileva illi minn Dokument B anness mar-rikors jirrizulta wkoll x`kienu l-liabilities meta l-EIG tqieghdet fi stralc (ara nota 1 f`pagna 5 ta` Dok B).*

*14. Fir-rigward ta` dak espost fis-seba` paragrafu tar-rikors, l-esponent m`ghandux xi jzid f`dan l-istadju.*

*15. Fir-rigward ta` dak espost fit-tmien paragrafu tar-rikors, fl-ewwel lok l-esponent jirrileva li Luciano Rotondi mhuwiex parti mill-proceduri odjerni.*

*Fir-rigward ta` COGESFIN, l-esponent jirrileva illi bhala azzjonista COGESFIN m`ghandha l-ebda interess li tippromwovi dawn l-istanzi; u fir-rigward tar-rikorrenti l-ohra, l-esponent jirreferi ghall-paragrafu 16 ta` din ir-risposta.*

*16. Fir-rigward ta` dak espost fid-disa` paragrafu tar-rikors, l-esponent jirrileva kif gej:*

*(a) Bruno Lago qieghed jitlob il-hlas ta` l-ammont ta` €26,774.21 fil-kawza fl-ismijiet Avukat Mark Refalo ghan-nom u in rapprezentanza ta` Bruno Lago (numru tal-passaport Taljan AA2951054) vs. European Insurance Group Limited (C35708) (rikors numru 859/2012SM). Fil-kawza hawn imsemmija, l-esponent qieghed jikkontesta li dan l-ammont huwa dovut lil Bruno Lago.*

*Permezz ta` sentenza tat-28 ta` Ottubru 2014, l-Onorabbli Qorti kienet illiberat l-intimat f`dawk il-proceduri mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex l-azzjoni intavolata kienet bi ksur tal-artikolu 224(2) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta. Bruno Lago appella minn din is-sentenza u l-partijiet qeghdin jistennew li dak l-appell jigi appuntat;*

*(b) Fabio Solano qieghed jitlob il-hlas ta` l-ammont ta` €40,107.65 ghal konsulenza allegatament ipprovduta lill-EIG bejn Mejju 2010 u Ottubru 2010, liema talba giet rigettata mill-esponent ghar-ragunijiet spjegati lilu (inkluz permezz ta` korrispondenza) li ser jigu spjegati fil-mertu tal-kawza;*

*(c) Fost ir-rikorrenti kollha, hija biss is-socjeta` COGESFIN li hija azzjonista ta` l-EIG.*

*17. Fir-rigward ta` l-ghaxar paragrafu tar-rikors, l-esponent jirrispondi li ghalkemm ir-rikorrenti huma liberi li javvanzaw il-pretiza li ghandhom interess fl-andament ta` l-istralc, tali pretiza kellha semmai titressaq quddiem l-MFSA.*

*18. Fir-rigward ta` dak espost fil-hdax-il paragrafu tar-rikors, l-esponent jirrispondi:*

(a) *Fir-rigward ta` l-artikolu 18(1) tar-Regolamenti, jigi rrilevat illi qabel ma r-Regolamenti kienu emendati permezz ta` l-Avviz Legali 403 tal-2015, l-artikolu 18 ma kienx japplika ghall-esponent;*

(b) *Fir-rigward tal-kontijiet ta` EIG li gew ippublikati f`Marzu ta` l-2016, l-esponent jirrispondi li meta huwa kien appuntat bhala likwidatur u spezzjona l-kotba ta` l-EIG, irrizultalu li l-kotba ma kinux qed jinzammu b`mod adegwat. Ansi, il-kotba instabu fi stat dizastruz. Fost affarijiet ohra: il-kontijiet ghas-sena 31 ta` Dicembru 2009 kienu disclaimed; ma kienx hemm management accounts ghall-perjodu qabel il-hatra ta` l-amministratur; ma kienx hemm debtors` ledger bl-istorja tat-transazzjonijiet mal-brokers tal-EIG. Dawn kienu biss ftit mill-problemi li l-esponenti ffaccja, bhala likwidatur tal-EIG, fir-rigward tal-informazzjoni finanzjarja tas-socjeta` u li fixklu l-process tal-preparazzjoni tal-kontijiet tal-EIG;*

(c) *Fir-rigward ta` dak espost fil-paragrau 11(c), l-esponent jirrispondi illi l-ispejjez tal-istralc gew innotifikati lil, u approvati minn, l-MFSA, u li tali spejjez kienu necessarji sabiex il-process ta` stralc jasal fl-istadju li qieghed fih illum;*

(d) *Fir-rigward ta` dak espost fil-paragrau 11(d), l-esponent jirreferi ghall-paragrafu 7 ta` din ir-risposta u jirrispondi illi kwalunkwe awtorizzazzjoni li kellha tinghata mill-MFSA fil-fatt inghatat.*

(e) *Fir-rigward ta` dak espost fil-paragrafu 11(e), l-esponent jirrispondi:*

*(i) Illi fir-rigward ta` Bruno Lago, l-esponent jirreferi ghar-risposta fil-paragrafu 16(a) ta` din ir-risposta. L-esponent izid illi, jekk l-Onorabbli Qorti kellha tiddeciedi li hemm ammont dovut lil Bruno Lago, l-ammont li jkun privileggjat: (i) jithallas wara dawk il-krediti li huma privilegjati ai termini tal-artikolu 11 tar-Regolamenti; u (ii) ikun stabbilit ai termini tal-artikolu 20 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*(ii) L-Avukati Montone mhumiex parti mill-proceduri odjerni;*

*(iii) Illi fir-rigward ta` Fabio Solano, l-esponent jirreferi ghar-risposta fil-paragrafu 16(b) ta` din ir-risposta.*

*L-esponent izid ukoll illi l-irwol tal-likwidatur huwa proprju li jiddeciedi liema krediti ghandhom jigu approvati. Addizzjonalment, l-esponent jerga` jirreferi ghall-paragrafu 2 ta` din ir-risposta u jirrileva illi kwalunkwe awtorizzazzjoni ghandha tinghata, u fil-fatt inghatat, mill-MFSA.*

(f) *Fir-rigward ta` dak espost fil-paragrau 11(f), l-esponent ghal darb`ohra jirreferi ghall-paragrafu 7 ta` din ir-risposta. F`dan l-istralc hija l-MFSA li ghandha tapprova, u filfatt approvat, il-hlas. L-esponent izid illi liquidation committee qatt ma giet appuntata.*

*19. Fir-rigward ta` dak espost fit-tnax il-paragrafu tar-rikors, l-esponent jirrispondi illi dan assolutament mhuwiex minnu. L-EIG kienet insolventi fiz-zmien meta nhatar l-istralcjarju, u dan kif ser jintwera matul dawn il-proceduri.*

*20. Fir-rigward ta` dak espost fit-tlettax-il paragrafu tar-rikors, l-esponent jirrispondi illi l-krediti privileggjati u li ghandhom jithallsu qabel kull kreditu iehor huma dawk stipulati fl-artikolu 11 tar-Regolamenti. L-ebda wiehed mir-rikorrenti m`ghandu dan it-tip ta` kreditu, u ma hemm l-ebda raguni ghalfejn il-pagamenti lill-kredituri li huma privilegjati skond il-ligi m`ghandhomx isiru issa li gie kkompletat il-process necessarju li wassal ghall-kompilazzjoni tal-lista ta` kredituri.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jirrispondi li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghhom.*

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta` Novembru 2017 tat direzzjoni lill-partijiet illi riedet li tkun trattata sabiex tkun deciza l-ewwel eccezzjoni peress illi dik l-eccezzjoni kienet tolqot il-gurisdizzjoni u l-kompetenza tal-Qorti.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta` Novembru 2017 kien dikjarat mill-partijiet illi ma kellhomx provi xi jressqu dwar l-ewwel eccezzjoni, u talbu li t-trattazzjoni tal-ewwel eccezzjoni ssir permezz ta` noti ta` osservazzjonijiet. It-talba kienet akkolta.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>

**L-eccezzjoni li qeghda tkun deciza llum taqra :-**

***Preliminarjament, din il-Qorti m`ghandhiex il-gurisdizzjoni u kompetenza in kwantu dan hu stralc taht is-sorvejlanza tal-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta ("MFSA").***

## III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Jirrizulta illi b`effett mid-29 ta` Settembru 2011, skont l-Art. 28(1)(f) tal-Kap 403 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Awtorita` dwar is-Servizzi Finanzjarji ta` Malta (**<u>MFSA</u>**) hatret lill-intimat noe bhala stralcjarju tas-socjeta` European Insurance Group Limited (**<u>EIG</u>**).

Id-disposizzjoni citata fil-paragrafu ta` qabel dan taqra hekk :-

> *Bla hsara ghall-poteri moghtija lill-awtorità kompetenti taht l-artikolu 26, l-awtorità kompetenti, tista` fejn tkun sodisafatta li jezistu cirkostanzi serji*

*bizzejjed, tipprocedi biex tiehu wahda jew izjed mill-mizuri li gejjin: … (f) taghti ordni ghax-xoljiment u stralc ta` kumpannija, jew fil-kaz ta` impriza jew, fil-kaz ta` impriza tal-assigurazzjoni jew tar-rijassigurazzjoni ta` pajjiz terz.*

B`zieda ma` dak li jinghad fil-Kap 403, hemm imbaghad ir-Regolamenti dwar Insurance Business (Reorganization and Winding Up of Insurance Undertakings) li kienu hargu bl-Avviz Legali 208 tal-2004 : S.L. 403.15.

Ghall-fini tal-eccezzjoni li qeghda tkun deciza llum, il-Qorti taghmel referenza partikolari ghar-Reg. 10(2) li jaqra :-

*Without prejudice to the provisions of articles 28, 41 and 42 of the Act, a Maltese insurance undertaking shall dissolve and consequentially wind up, under and in accordance with these regulations and the companies Act as made applicable by these regulations."*

L-argument ta` l-intimat noe huwa li skont il-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, hemm zewg tipi ta` stralc : stralc volontarju (li jista` jkun stralc volontarju tal-membri jew stralc tal-krédituri) u stralc mill-Qorti.

Qed jinghad illi fil-kaz tal-lum, l-istralc huwa simili ghal stralc mill-Qorti, dan l-istralc ta` EIG kien ordnat mill-MFSA. Ghalhekk l-awtorita` li tkun ordnat l-istralc xorta tibqa` l-MFSA, bil-konsegwenza li r-rikorrenti kellhom jirrikorru bl-ilment taghhom lill-MFSA, bhala l-Awtorita` li ordnat l-istralc, mhux din il-Qorti.

Dan premess,

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Novembru 2012 fil-kawza fl-ismijiet **Av. Mark Refalo noe. vs European Insurance Group Limited.**

Kien deciz hekk :-

> *L-Att dwar il-Kumpanniji jahseb ghal zewg forom ta` stralc, stralc mill-qorti u stralc volontarju. Stralc volontarju mbaghad jista` jkun tal-membri jew tal-kredituri. Il-Kap 386 ma jahsibx ghal stralc minn xi awtorita` ohra izda d-disposizzjonijiet tal-Kap 386 dwar stralc xorta jghoddu ghal socjeta` assikuratrici stralcjata mill-Qorti bis-sahha tar-regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar Insurance Business (Reorganization and Winding Up of Insurance Undertakings)*
>
> ...
>
> *Billi l-Awtorita`, bhall-qorti, hija indipendenti kemm mis-socjeta` nfisha, kemm mill-membri taghha u kemm mill-kredituri, stralc mill-Awtorita` aktar ghandu xebh ma` stralc mill-qorti milli ma` stralc volontarju u ghalhekk, fil-fehma tal-qorti, id-dispozizzjonijiet ta` stralc li jirregolawh ghandhom ikunu dawk ta` stralc mill-qorti aktar milli dawk dwar stralc volontarju.*

Fl-istess sens kienet is-sentenza tat-22 ta` Frar 2013 fil-kawza fl-ismijiet **Zammit Maempel noe vs European Insurance Group Limited** fejn il-Qorti ta` l-Appell ikkonfermat illi stralc skont l-Art 28(1)(f) tal-Kap.403 ghandu jitqies daqslikieku kien stralc mill-qorti ; u ghalhekk certa disposizzjonijiet tal-Kap 386 kellhom japplikaw ghal tali stralc.

Minn dawn is-sentenzi, hareg car li d-disposizzjonijiet dwar stralc ordnat mill-MFSA ghandhom ikunu regolati bid-disposizzjonijiet tal-Kap 386.

Madanakollu, tajjeb jinghad illi l-Qorti hija obbligata toqghod mal-parimetri tal-kawza kif promossa mir-rikorrenti.

Huwa fatt risaput li n-natura u l-indoli ta` azzjoni jirrizultaw mill-att li jippromwovi l-azzjoni.

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta` Jannar 2003 fil-kawza **Capua Palace Limited vs Boris Arcidiacono** inghad illi :-

*n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proceduri. Normalment, b` dan wiehed jifhem li dak li kellu f` mohhu min ikun fetah il-kawza jkun irid jirrizulta mill-att tac-Citazzjoni nnifsu u mhux minn provi li jitressqu izjed `il quddiem fil-kawza.*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-23 ta` Gunju 2004 fil-kawza **Carmelo Cassar vs Victor Zammit** inghad illi in linea ta` principju generali, in-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri (Kollez. Vol. XLII pI p86). Inghad ukoll li hija regola procedurali, sorretta mill-gurisprudenza, illi l-kawzali tad-domanda ossija r-raguni guridika tat-talba, oltre li ghandha tigi mfissra car u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta ; u ghalhekk il-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni (Kollez. Vol. XXXIV pI p85). Konsegwentement, il-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor oltre minn dak li jkun irrizulta mic-citazzjoni, anke ghaliex, kif ritenut, mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni` (Kollez. Vol. XLVIII pII p777).

Fl-istess sens kienet is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-11 ta` Frar 2004 fl-ismijiet **Gaetano Farrugiaet vs Philip et** :

*"Biex tigi ffissata l-indoli tal-azzjoni li tigi ezercitata wiehed irid ihares mhux tant lejn il-kliem imma lejn dak li sostanzjalment ikun gie mitlub fic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta. Fi kliem iehor r-raguni guridika u l-`fundamentum agendi` tal-azzjoni hu dak li hu `attualmente domandato` bhala oggett tac-citazzjoni."*

Fid-decizjoni moghtija fid-19 ta` Frar 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Frank Pace et vs Kummissarju ta` l-Artijiet**, din il-Qorti diversament ippreseduta ghamlitha cara li huwa principju ewlieni fil-procedura li l-azzjoni jaghzilha l-attur u mhux il-parti mharrka ; u mhuwiex imholli ghall-parti mharrka li tissuggerixxi x` azzjoni messu ressaq l-attur. Huwa fuq l-azzjoni kif proposta li l-qorti tintalab taghti l-gudizzju taghha, u mhux fuq x` azzjoni seta` jew messu ressaq l-attur. (ara wkoll : 20 ta` Mejju 2004 : PA : **Emmanuel Bonello noe vs Francis Fenech)**

Dan premess,

Tajjeb jinghad illi l-kawza tal-lum hija fondata fuq l-**<u>Art</u> <u>239(4) tal-Kap 386</u>** li jghid :-

> *Jekk xi persuna thossha aggravata b`xi ghemil jew decizjoni tal-istralcjarju, il-persuna tista` taghmel rikors lill-qorti ul-qorti tista` tikkonferma, taqleb jew timmodifika l-ghemil jew id-decizjoni li dwarha jsir l-ilment, u taghmel dak l-ordni dwar dan li jidhrilha gust.*

kif ukoll fuq l-**<u>Art 249 tal-Kap 386</u>** li jghid :-

> *Kemm jista` jkun malajr wara ordni ghal stralc, il-qorti ghandha tistabbilixxi lista tal-kontributorji u jkollha s-setgha li tirranga r-registru tal-membri, jekk mehtieg, u ghandha ggieghel lijingabar l-attiv tal-kumpannija, u jintuza biex ikun sodisfatt il-passiv tal-kumpannija skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 302:Izda, meta l-qorti jidhrilha li ma jkunx mehtieg li jsiru sejhiet lil kontributorji jew li l-jeddijiet taghhom ikunu aggustati,il-qorti tista` ma tistabbilixxix lista tal-kontributorji.*

Dawn iz-zewg disposizzjonijiet li fuqhom giet imsejsa l-kawza odjerna jirreferu ghal kwistjonijiet li huma regolati fil-Kap 386 u mhux ghal sitwazzjonijiet regolati fir-Regolamenti fuq riferiti. Il-ligi specjali ma abbrogatx dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi generali li jirrizultaw fil-Kap 386 u ghalhekk hija l-Qorti li ghandha gurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta` dan it-tip. Inoltre z-zewg disposizzjonijiet jaghmlu referenza ghal rimedji u mizuri li jirreferu ghall-Qorti.

Fl-isfond ta` dawn id-disposizzjonijiet, l-argument ta` l-intimat huwa li l-ilment tar-rikorrent kien messu tressaq quddiem l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta (**<u>MFSA</u>**).

Il-Qorti tghid illi l-ilment huwa nfondat.

MFSA kienet kostitwita bis-sahha tal-**<u>Kap 330 tal-Ligijiet ta` Malta</u>**.

**<u>L-Art 4 tal-Kap 330</u>** ighid :-

*1) Bla hsara ghal xi setgha jew funzjoni ohra moghtija lilha b`dan l-Att jew b`xi ligi ohra, tkun il-funzjoni tal-Awtorità :*

*(a) li tirregola, issegwi u tissorvelja servizzi finanzjarji f`Malta ;*

*(b) li tippromwovi l-interessi generali u l-aspettativi legittimi tal-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji, u litippromovi prattici ta` kompetizzjoni gusta u ghazlatal-konsumatur f`servizzi finanzjarji ;*

*(c) li ssegwi u tisssorvelja prattici ta` negozju u ta` kummerc dwar il-provvista ta` servizzi finanzjarji lilpersuni privati u ohrajn, u li tipprovdi taghrif u direzzjoni ghall-pubbliku ;*

*(d) li ssegwi l-operat u r-rinfurzar tal-ligijiet li direttament jew indirettament jolqtu lill-konsumatur ta` servizzi finanzjarji f`Malta u li taghmel jew tikkummissjona dak l-istudju, ricerka jew stharrig li jidhirlha xierqa dwar dan ;*

*(e) li taghti parir lill-Gvern b`mod generali fuq il-formulazzjoni ta` policies fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, u li taghmel dawk ir-rakkomandazzjonijietlill-Gvern fuq l-azzjoni li fil-fehma tal-Awtorità tkunspedjenti dwar hwejjeg li jaqghu taht il-funzjonijietregolatorji jew ta` sorveljanza tal-Awtorità ;*

*(f) li tinvestiga allegazzjonijiet ta` prattika u attivitajiet li jkunu ta` hsara ghall-konsumaturi ta` servizzi finanzjarji, u b`mod generali izzomm taht is-sorveljanza prattici ta` kummerc dwar il-provdimentta` servizzi finanzjarji u li tidentifika, u tiehu dawk il-mizuri biex titwaqqaf jew tigi evitata kull prattika litkun ingusta, dannegguza jew li xort`ohra taghmelhsara lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji ;*

*(g) li tizgura l-oghla livelli ta` kondotta u amministrazzjoni fis-sistema finanzjarja ;*

*(h) li taqdi dawk il-funzjonijiet jew dmirijiet l-ohra li jistghu jigu assenjati lilha taht dan l-Att jew xi ligi ohra.*

Minn qari ta` dan l-artikolu, kif ukoll ta` **l-Art 28 tal-Kap 403 tal-Ligijiet ta` Malta** l-MFSA mhijiex qorti jew tribunal.

Fid-decizjoni li tat fil-25 ta` Settembru 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Wallace Falzon et vs Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta** il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

> *Din l-Awtorita` twaqqfet b`ligi (Kap. 370 tal-Ligijiet ta` Malta). L-Awtorita` li m`hijiex qorti u lanqas tribunal. Hi awtorita` li d-dmirijiet taghha jinkludu l-amministrazzjoni ta` ligi. Fil-fatt kif l-intimata taghti licenzji taht il-Kap. 370 tal-Ligijiet ta` Malta, hekk ukoll ghandha l-vires li taghti ordnijiet fir-rigward ta` dawk il-licenzji.*
>
> *Mela l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta m`hijiex tribunal.*

Dak li nghad fir-rigward tal-MFSA u s-setghat taghha skont il-Kap 370 jghodd ukoll ghal dak li jirrigwarda l-MFSA u s-setghat taghha skont il-Kap 403.

L-MFSA mhijiex qorti jew tribunal u ghalhekk id-disposizzjonijiet li fuqhom tfasslet il-kawza odjerna ma jistghux jiggebbdu b`tali mod u manjiera li qorti tigi sostitwita b`awtorita`.

Inoltre ghandu jinghad illi r-Regolamenti dwar Insurance Business (Reorganisation and Winding-Up of Insurance Undertakings) jaghmlu referenza ghal **qorti.**

Tant hu hekk li hemm stipulat illi :-

*"court" means the Civil Court, in its contentious jurisdiction in its role as the judicial authority competent for the prposes of the reorganization measures or winding-up proceedings in terms of Title II of Part V and Part VI of the Companies Act ;*

*"relevant authorities" means the authorities, as defined in Article 268(1)(a) of the Solvency II Directive, which are competent for the purposes of the reorganization measures or the winding-up proceedings in Malta, including the court and the competent authority.*

B`zieda ma` dan tajjeb jinghad illi fir-Regolament numru 34 ta` dawn ir-Regolamenti, jinghad illi l-ghan taghhom huwa l-implimentazzjoni ta` Title IV of thbe Solvency II Directive u li fil-kaz ta` konflitt bejn ir-Regolamenti u dak li tghid id-Direttiva, hija tal-ahhar li tapplika. Din id-Direttiva mbaghad tghid illi l-awtoritajiet kompetenti huma *"administrative or judicial authorities of the Member State which are competent for the purposes of the reorganization measures or the winding-up proccedings"*.

Ghalhekk ir-Regolamenti ma jeskludux il-gurisdizzjoni tal-Qorti.

Lanqas ma huwa accettabbli l-argument li l-vertenza tal-lum messha tressqet quddiem it-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji.

Skont il-Kap 330 tal-Ligijiet ta` Malta, kien kostitwit it-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji. Skont l-Art 21(9) tal-Kap 330, is-setghat ta` dan it-Tribunal huma limitati stante li talba ghad-decizjoni tat-Tribunal ghandha tkun (a) jekk l-awtorità kompetenti tkunx, fid-decizjoni taghha, applikat hazin xi wahda mid-disposizzjonijiet ta` l-Att jew (b) jekk id-decizjoni tal-awtorità kompetenti tikkostitwix abbuz ta` diskrezzjoni jew tkunx ingusta manifestament. Is-subartikolu jkompli jipprovdu li d-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti ma tistax, sakemm tkun giet ezercitata b`mod xieraq, tkun disputata mit-Tribunal.

Minn ezami ta` din id-disposizzjoni, ma jidhirx li t-Tribunal ghandu xi setgha li jisma` lmenti bhal dawk kontenuti li qeghdin isiru fil-kawza tal-lum, peress li l-ilmenti mertu ta` din il-kawza jirrigwardaw l-agir ta` stralcjarju u il-konduzzjoni ta` stralc.

It-talbiet li saru m`ghandhomx x` jaqsmu ma` decizjonijiet jew agir ta` l-MFSA.

Li kieku t-talbiet kienu dwar agir jew decizjonijiet li hadet MFSA, it-Tribunal kien ikollu kompetenza jisma` dawk il-kwistjonijiet.

Fil-fatt hekk gara meta tmexxa l-procediment quddiem it-Tribunal fil-kaz fl-ismijiet **<u>European Insurance Group Limited vs L-Awtorita` Ghas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta et</u>** (App Nru 1/2010).

Ghalhekk l-eccezzjoni ma tistax tkopri l-pretensjonijiet li saru mir-rikorrenti fil-kawza tal-lum.

Din il-Qorti sejra ghalhekk tichad l-eccezzjoni mqajjma mill-intimat nomine u tiddikjara li hija ghandha l-gurisdizzjoni u kompetenza biex tkompli tisma` din il-kawza.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni, tiddikjara li ghandha gurisdizzjoni u kompetenza sabiex tiddeciedi l-mertu ta` din il-kawza, u ghalhekk qeghda tordna l-prosegwiment tal-kawza. Tordna li l-ispejjez tad-decizjoni tal-lum jithallsu mill-intimat.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**